**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN Citta' Beland

Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Seduta** | | | | 11/15. | tas-seba' Kunsill Lokali elett Marzu 2013 | |
| **Data** | | | | 04/11/15 fis-6.30pm | | |
| **Post** | | | | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | | |
| **Attendenza** | | | | | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | | | | | Viċi-Sindku Maria Dolores Abela | Preżenti |
| | | | | | Amanda Abela | Preżenti fi 6.45pm |
| | | | | | Joan Agius | Preżenti |
| | | | | | Claude Camilleri | Skużata |
| | | | | | Raymond Caruana | Preżenti |
| | | | | | Sean Chircop | Preżenti |
| | | | | | Stephania Fenech | Preżenti fi 6.45pm |
| | | | | | Joseph Hales | Preżenti |
| **Preżenti wkoll** | | | | | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon | |
| | | | | | Assistent Prinċipal Joanne Muscat | |
| | | | | | Ambaxxatriċi ta' Żgħażagħ Laura Caruana | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **11.** | **1.** | | | | **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 11. | 1. | 1 | | | Proponent: Joe Hales<br>Sekondant: Sean Chircop | Il-Minuti 10/15 inqraw u ġew approvati nem.con bil-korezzjonijiet kif ġej | |
| | | | | 10.9.8 | Flok il kliem Triq San Piju X titniżżel Triq Luqa Briffa | | |
| 11. | 1. | 2 | | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |
| **11.** | **2.** | | | | **Rapporti mill-Minuti** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 11 | 2 | 1 | | 10.2.2 | Hales - Skart fi Triq Antonio Micallef | Skart ħdejn il-bieb tal-iskola fi Triq Antonio Micallef. Ġew imwaħħla t-tabelli relatati ħdejn il-bibien tal-iskola. | Hales |
| 11 | 2 | 2 | | 10.2.4 | Hales - Triq l-Isqof Antonio Zahra | Ġiet miktuba ittra lis-Supritendent tal-Pulizija sabiex il-pulizija jkun preżenti ħdejn l-iskejjel primarji waqt id-dħul u l-ħruġ tat-tfal mill-iskejjel. Is-Supritendent wieġeb li se jara li t-talba tiġi segwita. Saret talba lil TM ikun biex il-parking ikun ristrett għal naha waħda biss ta' triq imsemmija bejn k/m Triq Antonio Micallef u Triq Sant' Anġlu waqt id-dħul u l-ħrug tat-tfal mill-iskejjel minħabba l-konġestjoni tat-traffiku li jkun hemm f'din il-parti tat-triq. Sa issa għadna mingħajr tweġiba. | Hales |
| 11 | 2 | 3 | | 10.2.17 | Hales - Bring in sites | Ma waslet l-ebda talba sabiex tiġi provduta bins-on-wheel sabiex tiġi użata għall-iskart riċikabbli. | Hales |
| 11 | 2 | 4 | | 10.2.18 | Hales - Litter Bin fi Ġnien Brejġu | Għadha pendenti | Hales |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 | 2 | 5 | | 10.9.8 | Hales:- Triq Luqa Briffa | Joe Hales qal li kien kellem lil Headteacher tal-Kulleġġ San Ignazju dwar il-proposta li l-parti tat-triq minn fejn joħorġu l-istudenti tkun magħluqa għat-traffiku waqt il-ħinijiet tal-ħruġ. Ilha li ressqet din it-talba lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni snin ilu iżda baqgħet mingħajr tweġiba. Ġiet mitluba tressaq proposta formali lill-Kunsill sabiex it talba tiġi mressqa għall-approvazzjoni ta' Transport Malta. Fil-proposta tagħha ġie ssuġġerit li t-triq tingħalaq bejn 1430 u 1500. Din il-proposta ġiet mibgħuta lil Transport Malta fejn talbuna biex isir konsultazzjoni mar-residenti. Hales talab lil Kunsill biex it-triq minflok tingħalaq minn Triq San Piju X, tingħalaq minn Triq Beland. Il-Kunsill qabel nem.con | Hales |
| 11 | 2 | 6 | | 10.9.18 | Hales - Bus Shelter fi Triq Pres Anton Buttiġġieġ | F'laqgħa riċenti li ġiet imsejjħa mill-Ministru Joe Mizzi ġie mfisser li l-bus stops u shelters se jkunu bħala parti mir-riforma tat-trasport pubbliku, liema riforma, għadha ma daħlitx fis-seħħ minħabba tilwima ndustrijali bejn il-Kuntrattur li jipprovdi s-servizz u l-Union tal-ħaddiema.<br>Minkejja dan, it-talba għal dan il-bus shelter ġiet mibgħuta xorta waħda lil Transport Malta. | Hales |
| 11 | 2 | 7 | | 10.2.1 | Chircop - Niċċa ta' San Ġużepp | Chircop saqsa jekk kienx hemm xi risposta. Is-Segretarju wieġeb fin-negattiv. | Chircop |
| 11 | 2 | 8 | | 10.9.4 | Chircop - Ktieb dwar in-niċċeċ | Chircop informa lil Kunsill li ix-xogħol fuq il-ktieb dwar in-niċċeċ beda. Ittieħdu ir-rittratti u ser jiġu ikkuntattjati xi nies biex tinġabar iktar informazzjoni. Is-Sindku issuġġerixxa li nirrivedu l-ktieb Ismijiet ta' toroq biex namalgamawhom flimkien. | Chicop |
| 11 | 2 | 9 | | 10.9.9A | Chircop - Triq id-Duluri | Chircop saqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fuq il-problem ta' parking fi Triq id-Duluri. Is-Sindku qal li kellna laqgħa mal-iSpettur u li nfurmatna li qed isir imoniterjata tas-sitwazzjoni f'din it-triq. | Sindku |
| 11 | 2 | 10 | | 10.3.5 | Caruana - Triq Toni Zahra | Caruana saqsa jekk sarx xi ħaġa fuq il-problema ta' sewqan eċċesiv fi Triq Toni Zahra. Is-Sindku informa lil Kunsill li din qegħda f'idejn il-pulizija. | Sindku |
| 11 | 2 | 11 | | 10.9.5 | Caruana - Rampa ta' disabled | Caruana saqsa x'sar fuq ir-rampa ta' disabled ta' ħdejn il-Knisja Parrokjali. Is-Sindku informa lil Kunsill li din ser isir min-naħa ta' Misrah Girgor Bonici fejn ser jiċċkienu żewġ parking bays biex tkun tista isir ir-rampa. Il-Kunsill qabel nem.con. | Sindku |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 | 2 | 12 | | 10.9.6 | Caruana - Belishia Lights fi Vjal 25 ta' Nov | Caruana ġibed l-attenzzjoni tal-Kunsill li dawn għadhom mhux qed jixgħelu. Is-Segretarju informa lil Kunsill li fuq dan il-każ inkitbet ittra lil Enemalta biex dawn jiġu *connected*. Hawn hekk Caruana semma ukoll li l-arbli ornamentali li hemm fi central strip bil-maltemp inkiser il-ħġieg. Is-Sindku informa lil Kunsill li diġa tkelliemna ma' Nexos u dan għandu jagħmel il-forma biex jinqata' il-ħġieġ nieqes. | Sindku |
| 11 | 2 | 13 | | 10.9.10 | Caruana - Bankina fi Triq l-Isqof Emm Galea | Caruana ġibed l-attenzzjoni tal-Kunsill li fi Triq l-Isqof Emm Galea hemm parti mill-bankina fi stat ħażin ħafna. Is-Sindku qal li ser jibgħat lil ħaddiem tal-Kunsill fuqha. Hawn hekk il-Viċi Sindku proponiet biex isir bollard fi Triq l-Isqof Emm Galea k/m Triq il-Palazzi. Is-sindku qal li dan jiddependi mill-wisa' tal-bankina. | Sindku |
| 11 | 2 | 14 | | 10.9.15 | Agius:- Zumba session għal karita | Agius infurmat lil Kunsill li din l-attivita li ser tittella' għal bżonnijiet ta' Bjorn Formosa li għandu il-kundizzjoni ta' LAS, ser isir wara il-festi. | Agius |
| 11 | 2 | 15 | | 10.3.2 | Agius - Tilqima tal-Influenza | Agius infurmat lil Kunsill li din is-sena applikaw biex jieħdu t-tilqima il-fuq minn 850 persuna u li din ser tingħata fil-Berga fi 9 u fl-10 ta' Novembru. | Agius |
| 11 | 2 | 16 | | 10.9.14 | Viċi Sindku - Laqgħat tal-Kunsill | Is-Sindku informa lil Kunsill li l-laqgħat tal-Kunsill ser jibdew isiru kull tieni Erbgħa ta' xahar. Il-Kunsill qabel nem.con | Segretarju |
| **11** | **3** | | | | **Korrispondenza** | | |
| Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML07/15. B'riferenza għal: | | | | | | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 11 | 3 | 1 | | 04 | Marie Jeanne Borg - DLG | Il-Kunsill qabel nem.con li din il-korrispondenza tagħdi għal attenzzjoni tal-Kunsillier Camilleri biex jiżgura li l-iskejjel ikkonsultaw mal-Kunsill Lokali qabel ma jinħatru l-Presidenti tal-Kunsilli Skolastiċi | Camilleri |
| 11 | 3 | 2 | | 05 | Dipt tal-Gvern Lokali - Memo 30/2015 | Attivitajiet Kulturali għas-sena 2016 - Is-Sindku informa lil Kunsill li saret l-applikazzjoni għall-fondi għal Żejt iż-Żejtun għas-sena 2016. | Segretarju |
| 11 | 3 | 3 | | 06 | Dipt tal-Gvern Lokali - Memo 31/2015 | Is-Sindku informa lil Kunsill dwar it-talba li qed jagħmel id-Dipartiment fejn qed jitlob għal tagħrif dwar proġetti kapitali li qed iwettaq il-Kunsill bħalissa. Din il-korrispondenza għaddiet għall-attenzzjoni tas-Segretarju. | Segretarju |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 | 3 | 4 | | 07 | Għaqda Mużikali Beland | Is-Sindku qara il-korrispondenza tal-Għaqda Mużikali Beland fejn dawn irringrazzjaw u ferħu lil Kunsill li għal darb'oħra Żejt iż-Żejtun kienet suċċess. Is-sindku qal li iż-Żejtun Band Club ukoll feraħ lill-Kunsill. | Segretarju |
| 11 | 3 | 5 | | 08 | Snr. Superintendent Sandro Gatt | Is-Sindku qara il-korrispondenza li bagħat is-Superintendent Gatt fuq il-preżenża tal-pulizija ħdejn l-iskejjel primarji. | Sindku |
| 11 | 3 | 6 | | 12 | Premju Frans Sammut | Il-Kunsillier Chircop informa lil Kunsill li l-applikazzjoni kważi lesta u li ser tiġi sotomessa il-ġimgħa id-dieħla. | Chircop |
| 11 | 3 | 7 | | 13 | Onor Owen Bonnici | Is-Sindku qara il-korrispondenza li bagħat l-Onor Bonniċi fejn irringrazzja lil Kunsill għal preżenża tiegħu waqt il-funeral ta' nannu tiegħu. | Segretarju |
| 11 | 3 | 8 | | 14 | Gvern li jisma | Is-Sindku qara din l-korrispondenza fejn informa lil Kunsill li nhar il-Ġimgħa 6 ta' Novembru fil-Mużew Marittimu l-Birgu fejn ser isir konsultazzjoni oħra ta' Gvern li jisma. Il-Kunsilliera kollha mistiedna jattendu, l-wirja ser tkun miftuħa għal pubbliku fil-5.00pm u d-diskussjoni tibda fi 6.30pm. | Sindku |
| 11 | 3 | 9 | | 16 | Gal Xlokk<br>Proponent: Viċi Sindku<br>Sekondant: Joan Agius | Is-Sindku ta' spjegazzjoni ta' xogħol li sar mill-Gal Xlokk favur il-Kunsill Lokali taż-Żejtun. Huwa spjega kif il-miżata naqset minn €1000 għal €500 għal kull Kunsillier. Is-Sindku talab il-Kunsill jekk jaqbilx li din il-miżata titħallas għal perijodu 2014-2020. Il-Kunsill qabel nem.con | Segretarju |
| 11 | 3 | 10 | | 18 | Assoc Kunsilli Lokali | Is-Sindku qara il-korrispondenza fejn il-Kunsill ġie infurmat li ser isir laqgħa għas-Sindki u l-Viċi Sindki nhar is-Sibt 14 ta' Novembru fil-Palazz Verdala | Sindku / Viċi Sindku |
| 11 | 3 | 11 | | 20 | Segretarju Kunsill Lokali Zejtun | Is-Sindku qara l-korrispondenza mingħand is-Segretarju tal-Kunsill, fejn talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex nidisponu minn affarijiet propjeta tal-Kunsill. Wara li ġiet ippreżentata lista ta' dawn l-items, il-Kunsill qabel nem.con | Segretarju |
| **11.** | **4.** | | | | **Ħlasijiet** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 11 | 4 | 1 | | | Tabella tal-Ħlasijiet 11/15 | **Il-Kunsill qabel li isir addenda tal-kont mill-Għaqda Band Żejtun biex isir ħlas ta' €500. Il-Kunsill qabel nem.con. Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 11/15 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarju |

| Riferenza | | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 | 4 | 2 | | | Petty Cash | **Il-Kunsill approva nem.con il-Petty Cash li ntefaq fix-xahar ta' Ottubru hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €100.13.** | Segretarju |
| 11 | 4 | 3 | | | Talbiet għal Xiri Seduta 11/15 | **Il-Kunsill approva nem.con il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarju |
| 11 | 5 | | | | **Triq Alfred Cachia Zammit** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 11 | 5 | 1 | | | Triq Alfred Cachia Zammit | Is-Sindku ġab għall-attenzzjoni tal-Kunsill artiklu li ġie ippublikat fil-gazzetta In-Nazzjon. Is-Sindku spjega kif dan it-tender ingħata u li xogħol kellu jibda fi sajf, iżda minħabba problemi bi drenaġġ u servizz tal-ilma, x-xogħol ser idum biex jibda. Is-Sindku saqsa lil Kunsill jekk iridux li x-xogħol fi Triq A Cachia Zammit jibda mingħajr ma jisolvew il-problemi li hemm. Il-Kunsill ma qabilx li dan isir u nistennew li toħroġ it-tender li qed iħejju l-Water Services Corp. | Sindku |
| 11 | 6 | | | | **Offerti Pubbliċi** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 11 | 6 | 1 | | | Offerti Pubbliċi | Is-Segretarju informa lil Kunsill li bħalissa hemm tlett offerti miftuħa għal pubbliku li huma:- 1. Kuntratt ta' tiżjien tal-Milied 2. Kiosk is-Sienja 3. *Provision of Hot Tarmac* (xogħol f'toroq dojoq). Dawn jagħlqu fi 16 ta' Novembru. Sar qbil li dawn jiġu *uploaded* fil-web site tal-Kunsill | Segretarju / Chircop |
| 11 | 7 | | | | **Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 11 | 7 | 1 | | | Triq Ta' Tuss | Is-Sindku informa lil Kunsill li din il-ġimgħa ser jingħata l-aħħar wiċċ tal-hot tarmac fi Triq Ta' Tuss. Din it-triq ilha li saret madwar 20 sena ilu. Kien biss f'dawn l-aħħar sentejn li TM ħadu azzjoni. | Sindku |
| 11 | 8 | | | | **Affarijiet oħra jekk meqjusa urġenti** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 11 | 8 | 1 | | | Sindku:- Child Day Care Centre | Is-Sindku nforma lil Kunsill li Child Day Care Centre għalaq sena jopera b'suċċess u b'sodisfazzjoni għal Kunsill. Ġie ippreżentat ċekk ta' €10,000 bħala t-tielet pagament. Is-Sindku informa lil Kunsill li kif tagħlaq is-sena finanzjarja mill-auditur jiġu ppreżentati il-financial reports. | Aguis |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 | 8 | 2 | | | Fenech - Chogm | Il-Kunsilliera Fenech saqsiet xi żviluppi hemm fuq iż-żjara li ser isir fiż-Żejtun. Is-Sindku informa lil Kunsill li nhar il-Ġimgħa 30 t'Ottubru kellna laqgħa mill-British High Commission fejn infurmawna li d-Duchessa ta' York ser tagħmel żjara fl-iskola primarja nhar il-Ġimgħa 27 ta' Novembru fil-11.00am. Is-Sindku ser ikun mistieden. Il-Kunsill ġie infurmat ukoll li ktibna lil Perit inkarigat miċ-Chogm biex jinfurmawna liema toroq fiż-Żejtun ser jiġu resurfaced. | Sindku |
| 11 | 8 | 3 | | | Fenech - Aerobics / Martial Arts | Il-Kunsilliera Fenech infurmat lil Kunsill li reġa ġie iffirmat l-*agreement* għall-aerobics. Hija qalet li dawn qed imorru tajjeb ħafna. Saret laqgħa mal-Iskola Sekondarja biex dawn jibdew isiru fis-Sala tal-Iskola. Hija qalet ukoll li bdew sezzjonijiet tal-Martial Arts li qed ikunu darbtejn fil-ġimgħa filgħaxijiet. | Fenech |
| 11 | 8 | 4 | | | Fenech - Skate Park | Il-Kunsilliera Fenech qalet li ċemplet lil M Quip minħabba t-tiswija li hemm bżonn li isir fuq l-iskatepark. Dawn infurmawna li suppost sa l-aħħar tal-ġimgħa dieħla dan għandu jissewwa. Is-Segretarju wieġeb li hu qed isegwi x'qed jiġri. Is-Sindku informa lil Kunsill li dan l-iskatpark f'Malta huwa l-uniku wieħed li huwa *upto EU Standards.* | Fenech |
| 11 | 8 | 5 | | | Fenech - 5-a-side pitch f'Ġebel San Martin | Il-Kunsilliera Fenech infurmat lil Kunsill li inxtraw 2 nets għal 5-a-side pitch f'Ġebel San Martin. Hija talbet lil Kunsill jikkonsidra biex jiżdied id-dawl. Is-Sindku qal li ser isiru erba' flood lights. | Sindku / Fench |
| 11 | 8 | 6 | | | Fenech - *Detached Youth Work* | Il-Kunsilliera Fenech saqsiet lil Kunsill jekk għandux xi nformazzjoni li fiż-Żejtun qed isir xi tip ta' Detached Youth Work. Ir-risposta kienet fin-negattiv. Is-Sindku talab lil Fenech tieħu ħsieb dan il-każ. | Fenech |
| 11 | 8 | 7 | | | Fenech - Attivitajiet | Il-Kunsilliera Fenech infurmat lil Kunsill li fil-weekend li għadha sar camping fejn saru bosta sports u adventures. Hemm il-ħsieb li isir żjara lil Cat Sanctuary ta' Bormla, kif ukoll hike / cook out. | Fenech |
| 11 | 8 | 8 | | | Abela - Proġett Pilota tal-organic waste | Il-Kunsilliera Abela saqsiet jekk hemmx xi tip ta' feedback dwar Proġett Pilota tal-organic waste. Ir-risposta kienet fin-negattiv. | Segretarju |
| 11 | 8 | 9 | | | Abela - Triq il-Bettiegħ | Il-Kunsilliera Abela infurmat lil Kunsill li l-problema fi Triq il-Bettiegħ bil-qtates għadha ma solvitx. | Hales |
| 11 | 8 | 10 | | | Hales - Bibita tal-Milied | Il-Kunsillier Hales saqsa meta ser tkun il-Bibita tal-Milied. Il-Kunsill qabel nem.con li din ser isir fi 18 ta' Diċembru. | Segretarju |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 | 8 | 11 | | | Hales - Ċwievet tal-Kunsill | Il-Kunsillier Hales informa lil Kunsill li qed isir proġett fuq l-irranġar ta' ċwievet tal-Kunsill. Huwa talab sabiex kull Kunsillier li għandu ċwievet propjeta tal-Kunsill jiġu reġistrati. | Hales |
| 11 | 8 | 12 | | | Chircop - Wirjiet fil-Kunsill | Il-Kunsillier Chircop informa lil Kunsill li l-istands lesti u li infetħet l-ewwel wirja fil-kamra tal-Kunsill. Chircop irringrazzja li Sindku tal-għajnuna tiegħu. | Chircop |
| 11 | 8 | 13 | | | Chircop - Attivita Hallowen | Il-Kunsillier Chircop informa lil Kunsill li fl-attivita li saret fil-31 t'Ottubru f'Hallowen, il-grupp Zoe ġabar iktar minn 300 kilo ikel f'sagħtejn. Chircop talab il-Kunsill sabiex jgħin biex dan l-ikel jitwassal għand is-sorijiet tal-crash f'tas-Sliema. Il-Kunsillier Caruana offra li jgħin. Il-Kunsill qabel nem.con | Chircop |
| 11 | 8 | 14 | | | Chircop - Disinn għal Ġnien Għanejja Żwieten | Il-Kunsillier Chircop talab lil Kunsill meta dan id-disinn għal Ġnien l-Għanejja Żwieten ser isir. Il-Kunsillier Hales infurmah li din ser isir is-sena id-dieħla. | Hales |
| 11 | 8 | 15 | | | Chircop - Monument tal-Kunsill | Il-Kunsillier Chircop informa lil Kunsill li l-maduma tal-Monument tal-Kunsill qed jinqala kollu. Is-Sindku qal li din it-tiswija ser isir mill-ħaddiema tal-Kunsill. | Sindku |
| 11 | 8 | 16 | | | Chircop - Bolla Kommemorattiva | Il-Kunsillier Chircop informa lil Kunsill li s-sena d-dieħla l-parroċċa ser tagħlaq 400 sena minn meta Ħaż-Żabbar inqata minn maż-Żejtun. Għal din l-okkazzjoni ser tinħareġ bolla kommemorattiva għal din l-okazzjoni flimkien mal-parroċċa ta' Ħaz-Zabbar. | Chircop |
| 11 | 8 | 17 | | | Chircop - Youth Common World Forum | Il-Kunsillier Chircop informa lil Kunsill li bejn l-21 u l-25 ta' Novembru il-grupp Zoe ser jattendi ghal Youth Common World Forum ġewwa l-Hotel San Antonio f'Buġibba. | Chircop |
| 11 | 8 | 18 | | | Chircop - Billboard tal-Kunsill | Il-Kunsillier Chircop talab lil Kunsill biex il-bill board ta' aħna u dieħlin miż-Żejtun jinbidel. Is-Sindku informa lil Kunsill li qed naħdmu fuq disinn għal bill board ġdid. Chircop ippropona li jitnizzel il-web site tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel nem.con | Sindku |
| 11 | 8 | 19 | | | Chircop - Kunċert tal-Milied | Il-Kunsillier Chircop informa lil Kunsill li l-Kunċert tal-Milied ser isir fi 30 ta' Diċembru mill-Choral Singers. | Chircop |
| 11 | 8 | 20 | | | Chircop - Kompettizzjonijiet tal-Milied | Il-Kunsillier Chircop informa lil Kunsill li ser jerġgħu isiru l-Kompettizzjonijiet tal-Milied | Chircop |
| 11 | 8 | 21 | | | Chircop - Bandist tas-Sena | Il-Kunsillier Chircop informa lil Kunsill li ser jagħmel kunttat mal-każini minħabba l-Premju Trofew Carlo Diacono. | Chircop |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 | 8 | 22 | | | Chircop - Fiera ta' NGO's | Il-Kunsillier Chircop informa lil Kunsill li l-grupp Zoe ser jieħu sehem fil-fiera tal-NGO's li ser isir il-Higher Secondary School. | Chircop |
| 11 | 8 | 23 | | | Chircop - Niċċeċ miksura | Il-Kunsillier Chircop informa lil Kunsill li bil-maltemp li għamel ħafna niċċeċ ġarbu ħsara bil-ħġieġ miksur. Jistax il-Kunsill jgħin fi tiswija tagħhom. Is-Sindku qal li dan irid ħafna xogħol biex isir fosthom jinqala high up. Il-Kunsill x'ser jikkunsidra x'jista isir | Sindku |
| 11 | 8 | 24 | | | Caruana - Bankina fi Triq Santu Wisitn | Il-Kunsillier Caruana talab il-Kunsill għaliex sar tarmac fejn rampa partikulari ta' garaxx. Is-Sindku informa lil Kunsill li dan sar biex dan l-individu joħroġ mill-garaxx tiegħu għax ma kienx moqgħdi. | Sindku |
| 11 | 8 | 25 | | | Caruana - Għatba Blk G Ta' Ganza | Il-Kunsillier Caruana talab lil Kunsill biex isir l-għatba ta' Blk G Qasam Ta' Ganza. Is-Sindku informa lil Kunsill li dan ix-xogħol irid isir mir-residenti tal-blokk, skond il-ftehim li kien sar mal-Housing. | Sindku |
| 11 | 8 | 26 | | | Caruana - Un/Loading fi Triq is-Suq | Il-Kunsillier Caruana talab il-Kunsill biex isir un/loading bay fi Triq is-Suq. Il-Kunsill qabel nem.con li l-individu għandu jagħmel talba bil-miktub fil-Kunsill. | Caruana |
| 11 | 8 | 27 | | | Agius - Attivita Hallowen | Il-Kunsilliera Agius infurmat lil Kunsill li l-attivita ta' Hallowen kienet tajba ħafna. It-tfal żaru l-anzjani u wara maru iduru lejn Ta' Ganza fejn ingħataw ħelu mir-residenti. | Agius |
| 11 | 8 | 28 | | | Agius - Weekend Break | Il-Kunsilliera Agius infurmat lil Kunsill li bejn il-11 u t-13 ta' Diċembru ser isir weekend break is-Soreda Hotel. | Agius |
| 11 | 8 | 29 | | | Agius - Cinema Day | Il-Kunsilliera Agius infurmat lil Kunsill li l-Kids Club qed jiltaqa regolari u li fil-21 ta' Novembru ser isir ħarġa għat-tfal fl-okkazzjoni ta' *Children Cinema Day* | Agius |
| 11 | 8 | 30 | | | Agius - Pantomina tal-Milied | Il-Kunsilliera Agius infurmat lil Kunsill li ser titella' Pantomina tal-Milied bejn is-26 u s-27 ta' Diċembru ġewwa Kids Club Hall fi Ġnien San Girgor, b'risq l-Isitut Sagra Familja ta' Ħaż-Żabbar | Agius |
| 11 | 8 | 31 | | | Agius - Attivitajiet | Il-Kunsilliera Agius infurmat lil Kunsill li l-Party tal-Milied ta' Tfal ser isir nhar id-29 ta' Diċembru u li d-Dinner Dance ser isir fi 9 ta' Jannar, kif ukoll it-tfal ser ikantaw Christmas Carols maż-Żejtun | Agius |
| 11 | 8 | 32 | | | Agius - Proġett tal-Waste Serv | Il-Kunsilliera Agius infurmat lil Kunsill li l-Kids Club ser jagħmlu proġett imniedi mill-WasteServ fuq it-tnaqqis tal-iskat. | Agius |
| 11 | 8 | 33 | | | Agius - Triq l-Għadam | Il-Kunsilliera Agius talbet jekk kellniex xi risposta dwar l-aċċess minn Triq Pres A Buttiġieġ għal Triq l-Għadam. Is-Segretarju informa lil Kunsill li talbuna biex isir site plan mill-Perit tal-Kunsill. | Sindku |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 | 8 | 34 | | | Viċi Sindku - TCTC | Il-Viċi Sindku attendiet ċerimonja imnedija mit-TCTC tal-għoti ta' ċertifikati tal-korsijiet tal-kompjuter imtella' fis-sajf li din saret fi 6 t'Ottubru. | Camilleri |
| 11 | 8 | 35 | | | Viċi Sindku - Anniversarju tal-Jum Dinji tal-Persuni b'Diżabilita | Il-Viċi Sindku infurmat lil Kunsill li fi 3 ta' Diċembru ser isir quddiesa u wara riċeviment fl-oratorju fl-okkazzjoni tal-Anniversarju tal-Jum Dinji tal-Persuni b'Diżabilita. | Viċi Sindku |
| 11 | 8 | 36 | | | Viċi Sindku - Child Day Care Centre | Il-Viċi Sindku irċievit rapporti li fi Child Day Care Centre hemm bżonn ta' xi manutenzzjoni fir-rigward tal-pajpiet tal-Airconditioners għax dawn qed iqattru l-ilma għal fuq il-konkos u qed jitrabba il-ħass. Hawn hekk ġie rimarkat ukoll li qed ikun hemm ħafna ħmieġ tal-għasafar. Is-Sindku fuq dan qal li hemm persuna apposta mill-ħaddiem tal-ETC li jieħu ħsieb li kull filgħodu id-dawra ta' Child Day Care Centre tkun nadifa. | Sindku |
| 11 | 8 | 37 | | | Viċi Sindku - Amministrazzjoni ta' Child Day Care Centre | Il-Viċi Sindku saqsiet minn min qed jiġi immexxi iċ-Child Day Care Centre. Is-Sindku informa lil Kunsill li hemm Fondazzjoni apposta li tieħu ħsieb it-tmexxija tiegħu. | Sindku |
| 11 | 8 | 38 | | | Viċi Sindku - Commonwealth Youth Worker Awards | Il-Viċi Sindku infurmat lil Kunsill li l-Kunsilliera Stephanie Fenech ġiet nominata u kwalifikat mal-aħħar 14 fil-Commonwealth Youth Worker Awards u li l-finali ser isir fi 7 ta' Novembru ġewwa Londra. Il-Kunsill kollu feraħ lil Kunsilliera Fenech u għandha tintbagħat ittra bil-miktub. | Segretarju |
| 11 | 8 | 39 | | | Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Laura Caruana | Ambaxxatriċi Caruana irringrazzjat lil Kunsill ta' din l-opportunita li tirrapreżenta liż-żgħażagħ u li tista' taħdem għal kommunita. Is-Sindku qal li hemm bżonn iktar ta' parteċipazzjoni miż-żgħażagħ fl-attivitajiet tal-Kunsill u li issa hemm il-web site tal-Kunsill fejn wieħed ikun jista' iżomm ruħu aġġornat x'qed jiġri fil-Kunsill. | Sindku |
| Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-9.00pm. Laqgħa oħra ser issir nhar l-Erbgħa 9 ta' Diċembru, 2015 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm. | | | | | | | |
| | | | | | | | |
| Joe Attard | | | | | | Anton Falzon | |
| Sindku | | | | | | Segretarju Eżekuttiv | |
| 9-12-2015 | | | | | | | |